MT

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 31.8.2010
KUMM(2010) 449 finali

# RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL

## Rapport tal-2006-2008 dwar il-qagħda finanzjarja tas-sistema Komunitarja ta' assigurazzjoni kontra l-qgħad favur l-ex aġenti temporanji u aġenti kuntrattwali li jsibu ruħhom mingħajr impjieg wara t-tmiem tal-funzjonijiet tagħhom fi ħdan istituzzjoni tal-Unjoni Ewropea

MT MT

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL**

# Rapport tal-2006-2008 dwar il-qagħda finanzjarja tas-sistema Komunitarja ta' assigurazzjoni kontra l-qgħad favur l-ex aġenti temporanji jew kuntrattwali li jsibu ruħhom mingħajr impjieg wara t-tmiem tal-funzjonijiet tagħhom fi ħdan istituzzjoni tal-Komunitajiet Ewropej

## SOMMARJU


L-Artikolu 28a(11), u l-Artikolu 96(11), tal-kundizzjonijiet applikabbli għall-impjegati l-oħra tal-Komunitajiet Ewropej - CEOS (Conditions of Employment of Other Servants) - jistipulaw li kull sentejn, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Kunsill dwar il-qagħda finanzjarja tas-sistema Komunitarja ta' assigurazzjoni kontra l-qgħad u l-Fond Speċjali għall-Qgħad tagħha. Dan ir-rapport jippreżenta l-qagħda għall-perjodu 2006-2008, iżda sabiex tiġi żgurata l-komparabbiltà mar-rapport preċedenti, iċ-ċifri għall-2005 huma msemmija b'mod sistematiku.

Is-sitwazzjoni finanzjarja attwali tal-fond għall-qgħad hija sodisfaċenti minħabba li minn perspettiva tal-kontabilità, ir-riżervi akkumulati mill-fond żdiedu minn EUR 9 205 000 fl-aħħar tal-2005 għall-EUR 16 160 000 fl-aħħar tal-2008.

Is-CEOS il-ġdid li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2004, bil-ħolqien tal-istatus ta' aġent kuntrattwali, biddel b'mod sinifikanti r-regoli ta' kontribuzzjoni għall-Fond, il-popolazzjoni koperta kif ukoll il-kriterji ta' eliġibbiltà. Minn dan jirriżulta li s-sistema kienet f'fażi ta' tranżizzjoni matul is-snin 2005-2008 u li ma tidhirx li laħqet il-pass mixtieq tagħha fl-aħħar ta' dan il-perjodu, b'mod partikolari fir-rigward tal-iżvilupp tan-numru tal-benefiċjarji futuri. Għal din ir-raġuni, huwa meħtieġ monitoraġġ regolari.

Fil-fatt, bil-ħolqien tal-istatus ta' aġenti kuntrattwali u t-tkabbir tal-aġenziji Ewropej, il-kontribuzzjonijiet u l-infiq tal-fond għall-qgħad irduppjaw fl-2008 meta mqabbla mal-2005. Id-dħul żdied f'daqqa fl-2006 u b'mod aktar gradwali fl-2007 u 2008, filwaqt li l-infiq żdied l-aktar fl-2007 u l-2008. Dan id-dewmien żied l-eċċess annwali ta' EUR 755 000 fl-2005 għal EUR 3 410 000 fl-2006 u EUR 2 275 000 fl-2007, li mbagħad, f'termini finanzjarji, irriżulta f'deficit żgħir ta' EUR 330 000 fl-2008.

## 1. IL-QAFAS REGOLAMENTARJU

### 1.1. Deskrizzjoni tas-sistema

Id-dħul fis-seħħ tar-Regolamenti tal-Persunal il-ġodda fl-1 ta' Mejju 2004 temm is-sistema antika li kienet fis-seħħ mill-1985 sa April 2004.

Din tal-aħħar kienet tipprevedi kopertura kontra r-riskji ta' qgħad għall-aġenti temporanji (AT) li jwaqqfu l-funzjonijiet tagħhom. Dawn il-benefiċċji Komunitarji għall-qgħad huma komplementari għall-benefiċċji soċjali nazzjonali li huwa intitolat għalihom l-eks aġent. Id-dritt japplika għal 24 xahar minn meta l-persuna kkonċernata tkun ħadmet mill-inqas għal 6 xhur bħala aġent temporanju. Il-livell tal-benefiċċji għall-qgħad komunitarji komplimentari għandu kemm il-limitu l-aktar baxx kif ukoll il-limitu l-aktar għoli. Dan il-limitu l-aktar baxx u l-limitu l-aktar għoli qatt ma ġew aġġustati. Il-kopertura permezz ta' sistema Komunitarja ta' Assigurazzjoni kontra l-Mard (5,1 % tas-salarju bażiku ta' referenza tal-persuna qiegħda) titħallas mill-Fond għall-qgħad.

Jekk l-AT jitlob dan, is-sistema l-antika tibqa' fis-seħħ għal perjodu tranżitorju għall-persuni li diġà jinsabu qiegħda u għall-kuntratti konklużi qabel l-1 ta' Mejju 2004 u li ntemmu wara dik id-data.

Is-sistema l-ġdida - li tapplika minn Mejju 2004 - tipprevedi wkoll kopertura kontra r-riskju tal-qgħad għall-kategorija l-ġdida ta' aġenti kuntrattwali (AK).

Id-dritt issa huwa limitat għal terz tal-perjodu effettivament maħdum bħala AT jew AK, iżda ma jistax jaqbeż 36 xahar. Il-limitu l-aktar għoli (applikabbli biss mis-7 xahar ta' qgħad) u rigward l-AT, il-limitu l-aktar baxx ġie valorizzat mill-ġdid. Dawn il-limiti l-aktar għoljin u l-aktar baxxi jeżistu wkoll għall-AK, iżda huma differenti minn dawk tal-AT. Minn issa 'l quddiem sejrin jiġu aġġustati kull sena (ara l-aġġustament tas-salarji).

### 1.2. Referenzi legali

- Artikolu 28a tal-kundizzjonijiet applikabbli għall-impjegati l-oħra tal-Komunitajiet Ewropej (CEOS) introdott mill-Artikolu 33 tar-Regolament Nru 2799/85 tal-Kunsill tas-27/09/1985 (ĠU L 265, 08/10/1985); emendat mir-Regolament Nru 723/2004 tal-Kunsill tat-22/03/2004 (ĠU L 124, 27/04/2004).
- Regolament Nru 91/88 tal-Kummissjoni tat-13/01/1988, li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 28a tal-Kondizzjonijiet ta' Impjieg tal-Impjegati l-Oħra (ĠU L 11, 15/01/1989).
- Regolament tal-Kummissjoni tal-14/07/1988, wara ftehim komuni stabbilit mill-president tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-04/07/1989 li jistabbilixxi l-arranġamenti ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet għall-allokazzjoni tal-benefiċċju tal-qgħad lill-aġenti temporanji b'implimentazzjoni tal-Artikolu 28a (10), tal-kundizzjonijiet applikabbli għall-impjegati l-oħra tal-Komunitajiet Ewropej.
- Artikolu 96 u Artikolu 5 tal-Anness tal-kundizzjonijiet applikabbli għall-impjegati l-oħra tal-Komunitajiet Ewropej (R.A.A.) introdott mir-Regolament Nru 723/2004 tal-Kunsill tat-22/03/2004 (ĠU L 124, 27/04/2004).
- Regolamenti annwali dwar l-adattament tar-rimunerazzjonijiet, pensjonijiet u benefiċċji oħra.

## 2. IL-QAGĦDA FINANZJARJA TAL-FOND GĦALL-QGĦAD

Il-qagħda tal-Fond għall-Qgħad huwa ppreżentat hawn taħt f'żewġ modi differenti. Fl-ewwel punt, iċ-ċifri huma ppreżentati kif jidhru fil-kontijiet: tranżazzjoni finanzjarja hija attribwita lis-sena li fiha kienet ġiet inkluża fil-kontabilità ("Qagħda Finanzjarja"). Madankollu, ċertu dħul u nfiq jirreferu għal operazzjonijiet li għandhom l-oriġini tagħhom fis-sena ta' qabel ma ġew imniżżla. Fit-tieni punt ("Qagħda Finanzjarja"), iċ-ċifri huma ppreżentati skont il-loġika tal-kontabilità fuq il-bażi ta' dovuti. F'dan il-kuntest, l-entrati għandhom jiġu attribwiti għas-sena li fiha jkunu joriġinaw.

### 2.1. Qagħda Finanzjarja : riżultati attwali u bilanċi akkumulati 2005-2008

It-Tabella 1 tagħti sommarju tad-dħul u l-infiq kif kienu rreġistrati fil-kontabilità kif ukoll il-bilanċ attwali li jirriżulta minnhom.

L-ammonti elenkati taħt "Benefiċċji għall-Qgħad" fihom b'mod sistematiku l-benefiċċju għall-qgħad bażiku, il-benefiċċji għall-familja kollha u l-effett tal-koeffiċjent korrettiv (għas-sistema l-qadima biss). Sar tnaqqis tal-benefiċċji soċjali kollha riċevuti fuq livell nazzjonali (benefiċċji għall-qgħad, benefiċċji għall-familja, benefiċċji għall-mard, benefiċċji għat-tqala, eċċ.).

Fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet għas-sistema Komunitarja tal-Assigurazzjoni kontra l-Mard (Joint Sickness Insurance Scheme - JSIS), dawn huma kompletament imħallsa mis-sistema Komunitarja għall-qgħad (5,1 % tas-salarju bażiku ta' referenza tal-persuna qiegħda). M'hemm l-ebda kontribuzzjoni personali għall-JSIS imnaqqsa mill-benefiċċji għall-qgħad Komunitarji.

**TABELLA 1 FOND GĦALL-QGĦAD - QAGĦDA KONTABBLI**
**Riżultat attwali (2005-2008)**

| DESKRIZZJONI | | 2005 EUR | 2006 EUR | 2007 EUR | 2008 EUR |
|---|---|---|---|---|---|
| A. Infiq | | | | | |
| 1. Benefiċċji għall-qgħad | a | 5.264.751,97 | 5.086.221,18 | 7.277.351,67 | 10.583.794,51 |
| 2. Kontribuzzjonijiet għall-JSIS | b | 659.104,95 | 541.882,56 | 114.433,38 | 1.460.168,26 |
| **Infiq totali** | **d=a+b** | **5.923.856,92** | **5.628.103,74** | **7.391.785,05** | **12.043.962,77** |
| B. Dħul | | | | | |
| 1. Kummissjoni Ewropea | e | 2.110.681,51 | 3.363.455,21 | 4.081.629,15 | 4.531.993,81 |
| 2. Parlament Ewropew | f | 1.241.365,82 | 1.554.274,75 | 1.439.364,01 | 1.320.043,73 |
| 3. Ombudsman Ewropew | g | 31.205,04 | 42.023,30 | 46.861,06 | 40.855,64 |
| 4. Kunsill tal-Ministri | h | 185.739,79 | 205.057,05 | 202.188,15 | 211.178,46 |
| 5. Qorti tal-Ġustizzja | i | 634.018,19 | 677.879,58 | 701.984,82 | 663.944,98 |
| 6. Qorti tal-Awdituri | j | 195.702,12 | 220.056,91 | 176.775,35 | 176.144,10 |
| 7. Kumitat Ekonomiku u Soċjali | k | 125.482,95 | 144.281,81 | 140.338,16 | 113.030,61 |
| 8. Kumitat tar-Reġjuni | l | 121.444,29 | 127.089,22 | 118.342,71 | 89.003,88 |
| 9. Aġenzij u Uffiċċji | m | 2.032.624,27 | 2.744.847,03 | 3.413.446,78 | 4.021.233,21 |
| **Dħul totali** | **n=Σe-m** | **6.678.263,98** | **9.078.964,86** | **10.320.930,19** | **11.167.428,42** |
| C. Korrezzjonijiet tal-kontabbiltà | o | 122,83 | 153,51 | -446,48 | 1.159,05 |
| **D. Bilanċ attwali** | **p=n-d+o** | **754.529,89** | **3.451.014,63** | **2.928.698,66** | **-875.375,30** |

Il-Fond għall-Qgħad juża żewġ strumenti għall-ġestjoni tal-infiq u d-dħul tiegħu: kont kurrenti għall-ġbir tad-dħul u l-ħlas tal-benefiċċji, u serje ta' kontijiet ta' depożitu fuq għal żmien fiss (*interbank time deposits*) għat-tpoġġija tal-eċċessi akkumulati fuq il-kont kurrenti.

It-Tabella 2 tipprovdi fl-ewwel parti l-operazzjonijiet fuq kont kurrenti u fit-tieni parti r-riżultati miksuba fuq kontijiet ta' depożitu għal żmien fiss, kif ukoll il-movimenti bejn dawn iż-żewġ kontijiet. It-tielet parti tagħti l-eċċess akkumulat konsolidat fuq dawn iż-żewġ kontijiet.

**TABELLA 2** **FONDI GĦALL-QGĦAD - QAGĦDA KONTABBLI**
**Żvilupp tal-bilanċ akkumulat (2005-2008)**

| DESKRIZZJONI | | 2005 EUR | 2006 EUR | 2007 EUR | 2008 EUR |
|---|---|---|---|---|---|
| **I. Kont kurrenti** | | | | | |
| A. Bilanċ tal-kont kurrenti fil-01/01 | b | 663,371.07 | 2,017,900.96 | 968,915.59 | 1,997,614.25 |
| B. Bilanċ kurrenti | a | 754,529.89 | 3,451,014.63 | 2,928,698.66 | -875,375.30 |
| C. Investiment għal terminu fiss ta' eċċessi ( | c | 0.00 | -4,500,000.00 | -1,900,000.00 | 0.00 |
| Irkupru ta' fondi investiti (+) | c | 600,000.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 |
| **D. Bilanċ tal-kont kurrenti fil-31/12** | d=a+b+c | **2,017,900.96** | **968,915.59** | **1,997,614.25** | **1,122,238.95** |
| **II. Investimenti għal żmien fiss** | | | | | |
| E. Investimenti finanzjarji fl-01/01 | e | 7,620,850.76 | 7,186,249.53 | 11,905,352.99 | 14,361,095.19 |
| F. Ħlasijiet ta' (+) u | | | 4,500,000.00 | 1,900,000.00 | 0.00 |
| lejn (-) tal-kont korrenti | f | -600,000.00 | | | |
| G. Interessi bankarji | g | 165,441.77 | 219,263.46 | 555,695.52 | 679,276.42 |
| H. Operazzjonijiet bankarji | h | -43.00 | -160.00 | 46.68 | 370.67 |
| **I. Interessi finanzjarji fil-31/12** | i= | **7,186,249.53** | **11,905,352.99** | **14,361,095.19** | **15,040,742.28** |
| **III. Eċċess akkumulat** | j=d+i | **9,204,150.49** | **12,874,268.58** | **16,358,709.44** | **16,162,981.23** |

L-eċċess żdied b'40 % fl-2006 u bi 23 % fl-2007. Naqas b'1 % fl-2008. B'eċċess akkumulat ta' kważi EUR 16.2 miljun f'2008, is-sitwazzjoni attwali tal-Fond hija għalhekk sodisfaċenti minn perspettiva tal-Kontabilità.

It-Tabella 3 u l-Graff 1 ukoll jagħtu l-bilanċi kkumulati ta' kull ħames snin imsemmija fir-rapport preċedenti u jippreżentaw b'hekk l-iżvilupp tal-bilanċ akkumulat fuq żmien twil (1985-2008).

**TABELLA 3** **FOND GĦALL-QGĦAD - BILANĊ AKKUMULAT - Riżultat attwali (1989-2008)**

| DESKRIZZJONI | 1989 EUR | 1994 EUR | 1999 EUR | 2004 EUR | 2005 EUR | 2006 EUR | 2007 EUR | 2008 EUR |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Kont kurrenti | 257,078 | 386,573 | 1,037,493 | 663,371 | 2,017,901 | 968,916 | 1,997,614 | 1,122,239 |
| Investimenti | 2,263,758 | 4,676,893 | 9,328,799 | 7,607,437 | 7,186,250 | 11,905,353 | 14,361,095 | 15,040,742 |
| **Total** | **2,520,836** | **5,063,466** | **10,366,292** | **8,270,808** | **9,204,151** | **12,874,269** | **16,358,709** | **16,162,981** |




### 2.2. Sitwazzjoni finanzjarja: Riżultati attwali 2005-2008

Ċertu dħul riċevut u rreġistrat fil-kontabilità fil-bidu tas-sena N huwa tnaqqis minn salarji fl-aħħar tas-sena N-1 u ċerti ħlasijiet ta' benefiċċji għall-qgħad imwettqa u rreġistrati fil-bidu tas-sena N ikopru perjodi ta' qgħad tal-aħħar tas-sena N-1. B'applikazzjoni tal-prinċipji tal-Kontabilità fuq il-Bażi ta' Dovuti, l-entrati ta' kontabilità għandhom jiġu attribwiti għas-sena finanzjarja N-1.

It-Tabella 4 u l-Graff 2 jippreżentaw id-dħul u l-infiq skont din il-loġika u b'hekk jagħtu l-qagħda "finanzjarja" annwali tad-dħul u l-infiq tal-Fond għall-Qgħad.

**TABELLA 4 — FOND GĦALL-QGĦAD - QAGĦDA FINANZJARJA - Riżultat attwali (2005-2008)**

| DESKRIZZJONI | | 2005 EUR | 2006 EUR | 2007 EUR | 2008 EUR |
|---|---|---|---|---|---|
| A. Infiq | | | | | |
| 1. Benfiċċji għall-qgħad | a | 5,264,751.97 | 5,080,747.95 | 7,428,758.42 | 11,011,432.53 |
| 2. Kontribuzzjonijiet għall-JSIS | b | 615,303.77 | 531,939.45 | 699,909.32 | 1,012,543.75 |
| **Infiq totali** | **d=a+b** | **5,880,055.74** | **5,612,687.40** | **8,128,667.74** | **12,023,976.28** |
| B. Dħul | | | | | |
| 1. Kummissjoni Ewropea | e | 2,126,994.82 | 3,351,028.04 | 4,081,632.35 | 4,531,990.61 |
| 2. Parlament Ewropew | f | 1,205,134.80 | 1,505,654.56 | 1,439,364.01 | 1,452,093.77 |
| 3. Ombudsman Ewropew | g | 31,205.04 | 42,023.30 | 47,101.38 | 45,518.52 |
| 4. Kunsill tal-Ministri | h | 185,739.79 | 205,057.05 | 203,245.29 | 212,010.04 |
| 5. Qorti tal-Ġustizzja | i | 633,950.62 | 677,879.58 | 702,149.61 | 731,878.65 |
| 6. Qorti tal-Awdituri | j | 195,702.12 | 220,056.91 | 177,709.62 | 176,669.29 |
| 7. Kumitat Ekonomiku u Soċjali | k | 127,381.43 | 142,383.33 | 141,025.23 | 124,584.11 |
| 8. Kumitat tar-Reġjuni | l | 121,444.29 | 127,089.22 | 118,923.40 | 98,392.56 |
| 9. Aġenziji u Uffiċċji | m | 2,007,383.77 | 2,751,030.14 | 3,450,859.66 | 4,319,259.26 |
| **Dħul totali** | **n=Σe-m** | **6,634,936.68** | **9,022,202.13** | **10,362,010.55** | **11,692,396.81** |
| C. Korrezzjonijiet tal-kontabilità | o | 122.83 | 153.51 | -446.48 | 1,159.05 |
| **D. Bilanċ attwali** | **p=n-d+o** | **755,003.77** | **3,409,668.24** | **2,232,896.33** | **-330,420.42** |




Id-dħul, meta mqabbel mas-sena preċedenti, żdied ħafna fl-2006 (36 %) u kompla jiżdied fl-2007 (15 %) u fl-2008 (12 %). L-infiq naqas fl-2006 (- 5 %) u żdied ħafna fl-2007 (45 %) u fl-2008 (48 %). Mid-differenza bejn id-dħul u l-infiq, jirriżultaw eċċessi kbar fl-2006 u l-2007, iżda defiċit żgħir fl-2008. Dan tal-aħħar huwa kkumpensat bl-imgħax fuq il-fondi investiti. Il-Grafika 3 turi l-bilanċ attwali kif ukoll l-interessi għas-snin 2005-2008.




Dan l-iżvilupp fid-dħul u l-infiq huwa prinċipalment dovut għall-ħolqien ta' aġenziji ġodda u l-introduzzjoni mill-2004 ta' kategorija ġdida ta' persunal: l-aġenti kuntrattwali huma impjegati għal perjodu limitat (massimu ta' tliet snin). Ir-reklutaġġ tal-aġenti kuntrattwali fil-perjodu bejn l-2004-2007 wassal għal żieda fid-dħul mingħajr effett immedjat fuq l-infiq, filwaqt li l-ewwel tmiem ta' kuntratti u l-ftuħ tal-benefiċċji għall-qgħad ikkawżaw żieda qawwija fl-infiq mill-2007.

### 2.3. Sitwazzjoni finanzjarja : tqassim tal-infiq u d-dħul għal kull istituzzjoni u għall-aġenziji kollha 2005-2008

It-Tabella 5 tagħti rendikont tal-infiq u d-dħul għal kull istituzzjoni u għall-aġenziji kollha.

L-ewwel parti tagħti l-ammonti assoluti, u t-tieni parti l-perċentwali ta' kull istituzzjoni u tal-aġenziji kollha meta mqabbla mat-total tal-infiq u d-dħul.

**TABELLA 5**

**FOND GĦALL-QGĦAD - QAGĦDA FINANZJARJA**
**Tqassim tal-infiq u d-dħul għal kull istituzzjoni (2005-2008)**

| Sena | 2005 | | 2006 | | 2007 | | 2008 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Denominazzjoni | infiq | Dħul | Infiq | Dħul | Infiq | Dħul | Infiq | Dħul |
| **ISTITUZZJONI** | | | | | | | | |
| **I. F'EUR** | | | | | | | | |
| A. Kummissjoni Ewropea | 3.210.946,10 | 2.126.994,82 | 2.340.522,01 | 3.351.028,04 | 4.365.642,75 | 4.081.632,35 | 6.462.045,50 | 4.531.990,61 |
| B. Parlament Ewropew | 970.392,73 | 1.205.134,80 | 735.850,83 | 1.505.654,56 | 884.197,13 | 1.439.364,01 | 1.248.878,68 | 1.452.093,77 |
| C. Ombudsman Ewropew | 14.480,86 | 31.205,04 | 0,00 | 42.023,30 | 22.913,44 | 47.101,38 | 12.140,98 | 45.518,52 |
| D. Kunsill tal-Ministri | 30.604,00 | 185.739,79 | 0,00 | 205.057,05 | 422.087,68 | 203.245,29 | 386.075,29 | 212.010,04 |
| E. Qorti tal-Ġustizzja | 138.047,90 | 633.950,62 | 246.113,33 | 677.879,58 | 346.817,49 | 702.149,61 | 467.809,42 | 731.878,65 |
| F. Qorti tal-Awdituri | 70.128,81 | 195.702,12 | 45.083,51 | 220.056,91 | 46.898,95 | 177.709,62 | 69.454,36 | 176.669,29 |
| G. Kumitat Ekonomiku u Soċjali | 427.156,84 | 127.381,43 | 290.816,99 | 142.383,33 | 259.964,67 | 141.025,23 | 399.696,69 | 124.584,11 |
| H. Kumitat tar-Reġjuni | 188.211,92 | 121.444,29 | 196.412,96 | 127.089,22 | 354.684,97 | 118.923,40 | 335.101,34 | 98.392,56 |
| I. Aġenziji | 830.086,58 | 2.007.383,77 | 1.757.887,76 | 2.751.030,14 | 1.425.460,68 | 3.450.859,66 | 2.642.774,02 | 4.319.259,26 |
| **Total** | **5.880.055,74** | **6.634.936,68** | **5.612.687,40** | **9.022.202,13** | **8.128.667,74** | **10.362.010,55** | **12.023.976,28** | **11.692.396,81** |
| | | | | | | | | |
| | **% tal-infiq** | **% tad-dħul** | **% tal-infiq** | **% tad-dħul** | **% tal-infiq** | **% tad-dħul** | **% tal-infiq** | **% tad-dħul** |
| **II. F'% tat-total** | | | | | | | | |
| A. Kummissjoni Ewropea | 54,6% | 32,1% | 41,7% | 37,1% | 53,7% | 39,4% | 53,7% | 38,8% |
| B. Parlament Ewropew | 16,5% | 18,2% | 13,1% | 16,7% | 10,9% | 13,9% | 10,4% | 12,4% |
| C. Ombudsman Ewropew | 0,2% | 0,5% | 0,0% | 0,5% | 0,3% | 0,5% | 0,1% | 0,4% |
| D. Kunsill tal-Ministri | 0,5% | 2,8% | 0,0% | 2,3% | 5,2% | 2,0% | 3,2% | 1,8% |
| E. Qorti tal-Ġustizzja | 2,3% | 9,6% | 4,4% | 7,5% | 4,3% | 6,8% | 3,9% | 6,3% |
| F. Qorti tal-Awdituri | 1,2% | 2,9% | 0,8% | 2,4% | 0,6% | 1,7% | 0,6% | 1,5% |
| G. Kumitat Ekonomiku u Soċjali | 7,3% | 1,9% | 5,2% | 1,6% | 3,2% | 1,4% | 3,3% | 1,1% |
| H. Kumitat tar-Reġjuni | 3,2% | 1,8% | 3,5% | 1,4% | 4,4% | 1,1% | 2,8% | 0,8% |
| I. Aġenziji | 14,1% | 30,3% | 31,3% | 30,5% | 17,5% | 33,3% | 22,0% | 36,9% |
| | | | | | | | | |
| **Total** | **100,0%** | **100,0%** | **100,0%** | **100,0%** | **100,0%** | **100,0%** | **100,0%** | **100,0%** |